# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru   26**

**Avviz  numru      1375/98/SM**

**Joseph Rosso**

**vs**

**Mark Sammut**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Lulju ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-Qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-attur is-somma ta' LM179.70,0 (mija disgha u sebghin Lira Maltin u sebghin centezmu) rapprezentatnti seba' kambjali ta' LM26.26,0; LM26.10,0; LM25.90,0; LM25.70,0; LM25.50,0; LM25.25,0 u LM25 li skadew rispettivament fl-1 ta' Ottubur 1993, fl-1 ta' Novembru, 1993, fl-1 ta' Dicembru, 1993, fl-1 ta' Jannar, 1994, fl-1 ta' Frar, 1994, fl-1 ta' April,**

**19994 u fl-1 ta' Marzu, 1994, Dok. JR 1 sa Doks. JR 7 (animo ritirandi);**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza relattiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tieghek ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-12 t'April ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet ta' l-attur kienu diga jiffurmaw il-mertu ta' kawza ohra identika li kienet pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta (Magistrat Joseph Apap Bologna), liema kawza giet ceduta mill-attur stess fit-28 ta' Ottubru, 1997 u ghalhekk ghandhom jigu allegati l-atti ta' dik il-kawza;**

**2. Illi fit-tieni lok il-kambjali meta inhargu ma kienux gew iffirmati mit-traent u ghalhekk huma nulli;**

**3. Illi finalment il-konvenut diga hallas l-ammont fl-intier tieghu kif jista' jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur ghandu fil-pussess tieghu seba' kambjali, komplessivament ammontanti ghall-valur ta' LM179.70,0, ilkoll skaduti li fihom il-konvenut huwa d-debitur firmatarju;**

**2. Illi dawn il-kambjali ghadhom ma gewx imhallsa lill-attur mill-konvenut firmatarju;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi fil-gurisprudenza lokali huwa facifiku li fil-materja in dizamina qorti ghandha biss tistharrec l-awtenticita tal-kambjali u sodisfatta minn dan tghaddi biex tenforzhom;**

**Illi wara ezami tal-kambjali in dizamina din il-qorti hi sodisfatta mill-awtenticita' taghhom;**

**Ghaldaqstant tilqa' t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' mija u disa' u sebghin Lira Maltin u sebghin centezmu (LM179.70,0), lill-attur, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**